MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 306/2008

**Aquatess Marketing Limited (C33435)**

**Vs**

**Michael Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta’ April 2008, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erba` mija u hamsa u tletin Euro (€435) jew somma verjuri, prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali tat-28 ta’ Dicembru 2007 u tal-ittra legali tat-18 ta’ Frar 2008, u bl-imghax ta’ 8% mit-28 ta’ Dicembru 2007, sal-hlas effettiv u inkluz €23.30 konsult, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut ipprezentata fil-11 ta' Gunju 2008 li biha kkontesta l-pretensjoni tar-rikorrent liema pretensjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan wara illi l-istess konvenut kien deher fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2008 u talaba zmien sabiex jippresenta risposta.

Ra illi wara dik is-seduta, l-konvenut wera nuqqas kbir ta' interess fil-kawza billi qatt ma deher anke jekk in effetti ippresenta r-risposta tieghu, sabiex minkejja l-opportunita` illi nghata illi jressaq il-provi tieghu in sostenn tar-risposta tieghu – dan ma ghamlux.

Sema` x-xhieda ta' **Joseph Busuttil**, credit controller mas-socjeta` attrici li waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2008 xehed illi l-ammont li ghadu dovut mill-konvenut lis-socjeta` attrici huwa ta' €436. Jghid li ghalkemm baghtu statements regolari lill-konvenut, huwa qatt ma hallas xejn mill-ammont reklamat.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi l-pretensjoni attrici hija ppruvata b'dan pero` illi l-kontestazzjoni, inoltre` wahda generali ghal kollox, ma gew b'ebda mod ppruvati.

Illi ghalhekk it-Tribunal ma ghandu ebda triq ohra ghajr illi jilqa` t-talba attrici u jichad ill-kontestazzjoni tal-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, jiddeciedi billi filwaqt illi jichad ir-risposta tal-konvenut, jilqa` t-talba attrici u jordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba` mija u hamsa u tletin Euro (€435) ghar-ragunijiet mitluba fl-Avviz.

Bl-imghax kif mitluba bl-Avviz u bl-ispejjes tal-presenti kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------